# ID-DAWL

MEJJU 2022

WWW.AHMADIYYA.MT

NUMRU 53

"Min jemmen u jagħmel il-ġid, ikollu premju mill-aħjar."



Aħna Ikoll indaqs | Il-Kultura Iżlamika | Iż-Żjara tal-Papa | Barkiet Divini

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# AĦNA LKOLL INDAQS

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Kull bniedem huwa ugwali u ħadd ma għandu xi prijorità fuq l-ieħor. Aħna kollha ugwali, aħna kollha umani. Il-kulur tal-ġilda, ir-reliġjon, u l-ħsibijiet politiċi ma jagħmlu l-ebda differenza. Il-mod tal-ħolqien tagħna huwa l-istess, mingħajr ebda differenza madwar id-dinja u f'nazzjonijiet differenti. Il-miġja tal-bniedem f'din id-dinja u t-tluq minnha huma l-istess. Dan il-proċess naturali jiġbed l-attenzjoni tagħna għall-fatt li aħna lkoll indaqs. Għalhekk, huwa importanti li kull persuna tgawdi mir-rispett, mid-dinjità umana u minn drittijiet ugwali.

Il-Koran Imqaddes jiddeskrivi li:

> **"Tabilħaqq li l-aktar wieħed imweġġaħ minnkom quddiem Alla huwa l-aktar wieħed ġust minnkom."** (49:14)

> **"Alla ħoloq is-smewwiet u l-art skont il-liġi eterna, sabiex kull ruħ tkun tista' tiġi kompensata għal dak li taqla'; u m'għandhomx jiġu inġurati."** (45:23)

## ID-DAWL

Mejju 2022 – Numru 53 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

We are all equal 02
The Islamic Culture 04
The visit of Pope Francis 06
Mutual Respect 07
Two kinds of Blessings 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira




Dan il-vers jiġbed l-attenzjoni għall-fatt suprem li l-ħolqien tal-univers u d-disinn u l-ordni perfett li jippervadu fih iwasslu għal konklużjoni waħda biss li saret dispożizzjoni adegwata għall-iżvilupp morali u spiritwali tal-bniedem, u għalhekk fil-ħajja li ġejja hu għandu jkollu jagħti rendikont tal-użu li jagħmel mill-fakultajiet u s-setgħat mogħtija minn Alla f'din il-ħajja.

Għalhekk, l-istat naturali tal-umanità huwa nieqes minn kumplessi li jsostnu t-trażżin u ċ-ċaħda ta' drittijiet ibbażati fuq ir-razza jew għal dik il-kwistjoni, ir-reliġjon. Madankollu, huwa ċar mill-versi ta' hawn fuq tal-Koran Imqaddes li, filwaqt li l-Iżlam jirrikonoxxi d-differenzi bejn il-popli, imma ma jippermettix li dawn id-distinzjonijiet jippromwovu l-mibegħda bejn in-nies.

Nixtieq nikkonkludi bi kliem il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, li huwa prinċipju ta' gwida għalina f'termini ta' ħolqien ta' dinja ugwali. Huwa qal li, kun ġust, u tkun l-aħjar fost dawk li jqimu. Kun kuntent b'li għandek, u b'hekk tkun l-aħjar fost dawk li jiżżu ħajr. Ara li tixtieq għal ħaddieħor dak li tixtieq għalik innifsek, u b'hekk tkun tassew temmen. Ġib ruħek tajjeb ma' ġarek, u b'hekk tkun tassew bniedem. Naqqas id-daħk, għaliex ħafna daħk joqtol lill-qalb.

> **"Il-qaddejja ta' Alla tal-Ħniena huma dawk li jimxu fl-art b'mod dinjituż, u meta l-injoranti jindirizzawhom, huma jgħidu: 'Paċi u Sliem.'"** (25:64)

# X'INHI L-KULTURA IŻLAMIKA?



Sophie James | Shutterstock

Fis-6 ta' Marzu 2022, waqt li kien qed jirrispondi għal mistoqsija, il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], Kap tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, fisser xi tkun kultura Iżlamika, u qal:

**"L-Iżlam hija reliġjon universali u jekk l-Iżlam jafferma li hija reliġjon universali, mela hawnhekk m'għandniex kwistjoni ta' kultura.** Nies minn kulturi differenti jistgħu jsiru Musulmani ... huma jibdew isegwu t-tagħlim tal-Iżlam. U t-tagħlim tal-Iżlam jgħid li inti għandek toffri d-drittijiet tiegħek lill-Ħallieq tiegħek, Alla l-Omnipotenti. Qimu bħalma hemm miktub fil-Koran Imqaddes u bħalma ġie pprattikat mill-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem u l-barkiet fuqu). Wieħed irid isegwi l-kmandamenti u t-twissijiet tal-Koran Imqaddes.

Hemm għadd ta' tradizzjonijiet Asjatiċi li huma kontradittorji għat-tagħlim tal-Iżlam; dan ma jfissirx li l-Iżlam jgħallem dawk l-affarijiet... jekk inti qiegħed titlob ħames darbiet kuljum u jekk inti moralment sod, jekk inti qed tobdi l-kmandamenti tal-Koran

Imqaddes – hemm 700 jew aktar kmandamenti fil-Koran Imqaddes – jekk qed tobdi dawn, huwa biżżejjed... Mela dejjem ara x'inhu t-tagħlim veru tal-Iżlam.

**Il-kultura Iżlamika mhi xejn ħlief it-tagħlim tal-Iżlam – jiġifieri, li ssegwi dak kollu li hu miktub fil-Koran Imqaddes.** Apparti minn dan m'hemm xejn. Jekk qed titlob ħames darbiet kuljum, jekk qed taqra l-Koran Imqaddes, jekk inti moralment tajjeb, jekk qed issegwi l-kmandamenti tal-Koran Imqaddes, jekk inti m'intix korrott, jekk inti qed tirrispetta lill-ġenituri tiegħek, u lis-superjuri tiegħek, jekk inti ċittadin tajjeb, jekk inti qed taħdem ħafna fuq il-post tax-xogħol tiegħek, jekk inti student, jekk inti qed tħabrek biex issir student tajjeb, mela dik hija l-kultura Iżlamika u dak huwa t-tagħlim, apparti dawk m'hemm xejn."

## KIF GĦANDNA NIDDIJLJAW MAN-NEGATTIVITÀ

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], fisser:

**"Għandu jkollok ħbieb tajbin.** Jekk inti persuna tajba u ssegwi l-kmandamenti mogħtija lilna minn Alla l-Omnipotenti mela taf li l-ewwel kmandament huwa li tqimu, li titlob lil Alla Omnipotenti. Meta l-ħin tat-talb jinzerta matul il-ħin tal-iskola, ipprova offri t-talb tiegħek... Għaldaqstant, meta jaraw dan, l-istudenti ħbieb tiegħek jintebħu li inti persuna b'natural differenti.

**Jekk il-morali tiegħek huma tajbin, mela dejjem ser iġġib ruħek sew, il-lingwaġġ tiegħek se jkun nadif, m'intix se twettaq ħwejjeġ immorali, m'intix se taħseb ħażin f'ħaddieħor** u qatt mhu se tweġġa' lil ħadd, m'intix se tiġġieled u targumenta, se tkun dejjem bieżel bl-istudji tiegħek jew bl-attivitajiet ekstrakurrikulari li jingħataw lilek mill-iskola; hemmhekk jindunaw li dawn l-istudenti huma differenti. U dawk l-istudenti li huma twajbin, se javviċinawk u jippruvaw ikunu ħbieb tiegħek. Għalhekk, dan huwa l-mod kif isiru l-affarijiet."

# IŻ-ŻJARA TAL-PAPA FRANĠISKU



L-Iżlam jirrispetta mhux biss lill-Profeti ta' Alla kollha iżda wkoll lil dawk li jemmnu fihom. Barra minn hekk, jirrispetta lill-mexxejja tar-reliġjonijiet u tan-nazzjonijiet kollha u jagħti kmandamenti lill-Musulmani biex juru rispett lejhom. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal: **"Meta dinjitarji ta' nazzjonijiet jew reliġjonijiet oħra jżurukom, għandkom biex turu rispett kbir u unur lejhom."**

Dan huwa tassew fattur siewi, fost l-oħrajn, li jikkontribwixxi wkoll għaż-żamma tal-paċi fis-soċjetajiet tagħna. Dawn huma l-istruzzjonijiet Iżlamiċi biex jiġi stabbilit rispett reċiproku għall-mexxejja ta' xulxin, sabiex id-djalogu interreliġjuż, l-armonija u l-paċi jkunu jistgħu jiġu stabbiliti fis-soċjetajiet tagħna.

Iż-żjara tal-Papa Franġisku f'Malta kienet milqugħa ħafna min-nazzjon kollu, anke mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana li wriet ir-rispett tagħha u attendiet għall-programm tiegħu fuq il-Fosos tal-Furjana. Qabel iż-żjara tiegħu f'Malta, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana ltaqgħet ukoll mal-Arċisqof ta' Malta u estendiet ir-rispett u l-kooperazzjoni sħiħa tagħha.

# RISPETT REĊIPROKU

Il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Ħames Kalif, il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba] jgħid:

**Illum nosservaw li d-dinja saret villaġġ globali. Il-bnedmin resqu ferm qrib xulxin.** In-nies ta' kull pajjiż, reliġjon u kultura jinsabu kullimkien. Dan jirrikjedi li l-mexxejja ta' kull pajjiż jikkunsidraw u jirrispettaw is-sentimenti tan-nies kollha.[i]

F'din l-epoka, skont it-twemmin tagħna, Alla l-Omnipotenti bagħat il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as] ta' Qadian bħala l-Messija Mwiegħed u bħala l-Imam Maħdi, taħt is-sottomissjoni assoluta tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Il-Messija Mwiegħed[as] intbagħat biex ixerred il-vera tagħlim ġenwin tal-Iżlam u tal-Koran Imqaddes. Intbagħat biex isaħħaħ l-għaqda bejn il-bniedem u Alla l-Omnipotenti. Intbagħat biex jidentifika u jagħraf id-drittijiet li bniedem għandu jagħti lil ħaddieħor. **Intbagħat biex itemm kull forma ta' taqbid reliġjuż. Intbagħat biex jistabbilixxi r-rispett, id-dinjità u l-unur** ta' kull Fundatur u kull Profeta ta' kull reliġjon li teżisti. Intbagħat biex jiġbed l-attenzjoni ħalli kulħadd jagħmel ħiltu biex jgħix skont l-ogħla livelli ta' valuri morali, u biex jistabbilixxi s-sliem, l-imħabba, il-mogħdrija u l-fraternità fil-pajjiżi kollha tad-dinja.

Jekk tmur kullimkien fid-dinja, issib li dawn il-kwalitajiet tajba jinsabu fil-Musulmani Aħmadin ġenwini kollha... L-eżempju li nsegwu huwa dak tal-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], u l-istruzzjonijiet li jiggwidawna huma dawk tal-Koran Imqaddes.[ii]

(*Il-Kriżi Dinjija u t-Triq għall-Paċi*, p. 52 & 74-75)





## ŻEWĠ TIPI TA' BARKIET DIVINI

"Il-barkiet ta' Alla jieħdu żewġ forom.

(1) Barkiet li ngħataw mingħajr it-tħabrik ta' ħadd. Dawn kienu dejjem jeżistu, pereżempju, is-smewwiet, l-art, ix-xemx, il-qamar, il-pjaneti, l-ilma, in-nar, l-arja, u kull farka fl-univers li nħolqot għas-sosteniment tagħna. Huwa pprovda għall-għajxien tagħna saħansitra qabel ma bdejna neżistu, jew wettaqna xi ħaġa biex jistħoqqilna dan kollu.

Jista' xi ħadd jgħid li x-xemx jew l-art inħolqu minħabba l-għemejjel ta' xi ħadd? Dawn il-barkiet bdew jeżistu qabel ma nħoloq il-bniedem u ma twildux minħabba l-azzjonijiet tiegħu.

(2) Barkiet li jingħataw minħabba l-għemejjel tan-nies. Dawn huma wisq evidenti u m'għandhomx bżonn illustrazzjoni. Il-Koran Imqaddes jgħid li Alla huwa ħieles minn kull difett u mhuwiex suġġett għall-fallimenti jew nuqqasijiet, u hija x-xewqa Tiegħu li l-bniedem ukoll għandu jeħles mid-dgħufijiet tiegħu billi jsegwi l-kmandamenti Tiegħu." (Lecture Lahore, *Ruhani Khazain*, Vol. 20, p. 153)

## IL-PRINĊIPJU TAD-DEHEB

"Għinnu lil xulxin fil-ħwejjeġ tajba ta' din id-dinja
u f'kulma hu simili jekk dawn huma bbażati
fuq il-biża' ta' Alla. Madanakollu tgħinux lil
xulxin f'affarijiet ħżiena u t-trasgressjoni."
(Il-Koran Imqaddes, 5:3)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**